# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 17 ta' Marzu, 2021.**

**Numru 8**

**Rikors numru 397/09/1 SM**

**Janette Borg neé Ciappara mart il-mejjet Joseph Borg, u l-eredi Alfrida Vella neé Borg u Tracey Borg ulied il-mejjet Joseph Borg u b'nota tas-7 ta' Jannar 2021 l-istess Alfrida Vella u Tracey Borg assumew l-atti ghan-nom ta' Janette Borg stante li mietet fil-mori tal-appell**

**v.**

**Frangisku Pisani f'ismu proprju u GasanMamo Insurance Limited (C3143) bhala s-socjeta` assikuratrici ta' Frangisku Pisani u b'digriet data 18 ta' Marzu 2015 assumiet l-atti wkoll fil-konfront tal-mejjet Frangisku Pisani**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors mahluf ta' Janette Borg et ipprezentat fl-24 ta' April, 2009, li permezz tieghu nghad:

"1. Illi fit-3 ta' Ottubru 2006, għall-ħabta ta' l-għaxra u kwart ta' filgħodu waqt li Joseph Borg, ir-raġel u missier tar-rikorrenti kien qiegħed fuq sellum jaħdem fuq post ġewwa Triq il-Grazzja, Ħaż-Żebbuġ, safa imtajjar minn karozza tal-marka Toyota Starlet bin-numru ta' reġistrazzjoni EAA 751 misjuqa mill-intimat Frangisku Pisani li b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew imperizja, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti tat-traffiku, laqat l-istess sellum ta' Joseph Borg u ikkaġunalu ġrieħi ta' natura gravi li waslu għall-mewt tiegħu ftit xhur wara.

"2. Illi l-inċident seħħ unikament bi ħtija ta' l-intimat Frangisku Pisani li ma ħax il-prekawzjonijiet neċessarji sabiex jevita li jolqot is-sellum ta' Joseph Borg meta kien ilu li ra li hemm Borg fuq is-sellum jaħdem u li t-triq kienet dejqa.

"3. Illi riżultat ta' dan l-inċident miet Joseph Borg.

"4. Illi dana kollu kkawża danni finanzjarji inġenti, u li jirriżultaw aħjar fit-trattazzjoni tal-kawża.

"5. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

"Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, ir-rikorrenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

"1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-Intimat Frangisku Pisani kien unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku fuq imsemmi, liema inċident kien il-kawża li wassal għall-mewt ta' Joseph Borg;

"2. Per konsegwenza, tiddikjara u tiddeċiedi li l-Intimat Frangisku Pisani huwa responsabbli għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti;

"3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, okkorendo bin-nomina ta' periti;

"4. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom iħallas in linea ta' danni dik is-somma hekk likwidata;

"Bl-imgħax legali u bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata 23 ta' Lulju 2007, kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

2. Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenuti tas-27 ta' Mejju, 2009, li permezz taghha eccepew is-segwenti:

"1. Illi preliminarjament in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika tas-soċjeta` GasanMamo Insurance Limited mar-rikorrenti, u dana stante illi jirriżulta

paċifikament illi s-soċjeta` GasanMamo Insurnace Limited la kkawżat inċidenti, u wisq anqas ma kkawżat il-mewt ta' xi ħadd – u kwindi għandha tiġi illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;

"2. Illi inoltre, u mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjeta` intimata GasanMamo Insurance Limited m'għandha l-ebda *locus standi* fil-kawża odjerna, u dana stante illi:

"i. si tratta ta' materja *ex delictu*; u

"ii. Inoltre ai termini ta' l-Art. 10 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, notifika permezz ta' ittra uffiċċjali kienet tkun suffiċjenti għall-finijiet ta' eżekuzzjoni diretta u għalhekk is-soċjeta` eċċipjenti m'għandhiex tbati spejjeż;

"3. Illi wkoll in linea preliminari, ir-rikorrenti għandhom iġibu l-prova illi huma l-eredi uniċi u esklussivi tad-decujus Joseph Borg (ID: 1029344M), u kwindi u sakemm tinġab dina l-prova l-intimati ma għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti, u għandhom għalhekk jiġu illiberati mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti;

"4. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, ma huwa veru xejn illi Joseph Borg miet "*riżultat ta' dan l-inċident*"; u lanqas ma huwa minnu illi l-intimat Pisani ikkaġuna "*grieħi ta' natura gravi illi wasslu għall-mewt tiegħu ftit xhur wara*" meta huwa fatt stabbilit u inkontrovertibbli illi Joseph Borg neħħa ħajtu b'idejh stress wara illi tgħallaq fit-8 ta' Mejju, 2007, u ċjoe` iżjed minn seba' xhur wara l-inċident in kwistjoni – u dana bħalma jirriżulta mir-rapport mediku eżebit mir-rikorrenti stess bħala Dok. JB.2;

"5. Illi inoltre jirriżulta illi Joseph Borg kellu storja twila u xejn feliċi ta' mard mentali, u fi kliem it-tabib Anthony Bernard (Dok. JB.2) "*he had a history of depression*" li kienet anteċedenti għall-inċident tat-3 ta' Ottubru, 2006; u kwindi dina l-kawża ma hija xejn għajr tentattiv min-naħa tar-rikorrenti sabiex jitfgħu l-ħtija tat-traġedja ta' mewtu fuq inċident awtomobilistiku illi seħħ numru sew ta' xhur qabel;

"6. Illi kwindi ma tirriżulta l-ebda *nexus* ta' kawżalita` bejn l-inċident tat-3 ta' Ottubru, 2006 u l-mewt ta' Joseph Borg - u għaldaqstant l-intimati m'għandhom l-ebda ħtija għas-suwiċidju ta' Joseph Borg;

"7. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-intimat Frangisku Pisani ma jaħtix għall-inċident tat-3 ta' Ottubru, 2006 illi seħħ wara illi Joseph Borg b'negliġenza lampanti u b'sogru kbir għal saħħtu rama' sellum fi Triq il-Grazzja f'Ħaż-Żebbug – triq dejqa u mserrpa għall-aħħar – f'pożizzjoni fejn kien moħbi għal kollox għat-traffiku illi kien qed juża t-triq in kwistjoni b'mod regolari, u mingħajr ma tella' xi sinjali jew uża tagħmir ta' sigurta sabiex jipproteġi ruħu fuq il-post tax-

xogħol tiegħu. Isegwi għalhekk illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti stante illi l-inċident in kwistjoni seħħ unikament tort ta' Joseph Borg u minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti dwar is-saħħa u s-sigurta` fuq il-post tax-xogħol da parti tiegħu stress – hekk kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

"8. Illi subordinatament għas-seba' eċċezzjoni, *dato ma non concesso* illi l-intimat Pisani seta' kien risponsabbli għall-inċident tat-3 ta' Ottubru, 2006, huwa jista' jinsab biss risponsabbli għad-danni riżultanti mill-ġrieħi fuq il-persuna ta' Joseph Borg, iżda qatt ma jista' jinstab responsabbli għal-mewtu;

"9. Illi d-danni reklamati mir-rikorrenti huma eżaġerati u għaldaqstant għandha titressaq kull prova neċessarja skond il-liġi in sostenn tat-talbiet tagħhom għall-likwidazzjoni tad-danni a favur tagħhom;

"10. Illi subordinatament għad-disa' eċċezzjoni, u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit ir-rikorrenti għandhom jipprovaw illi huma għadhom ma thallsux ta' dawn id-danni minn xi sors jew xi fond ieħor – sew privat kif ukoll pubbliku – u f'każ illi jkunu hekk tħallsa, tali somma għandha tiġi sottratta minn kwalunkwe ammont illi din il-Qorti għad tista' tillikwida a favur tagħhom;

"11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-każ;"

3. Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-3 ta' Novembru, 2015, li permezz taghha l-kawza giet deciza fis-sens illi, filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet preliminari sollevati mis-socjetà konvenuta u dana wara li din assumiet l-atti kollha tal-kawza, laqghet ir-risposti kollha fil-mertu tal-konvenuti u cahdet it-talbiet kollha tal-atturi. Bl-ispejjez kontra l-atturi.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Ikkunsidrat:

"11.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

"11.1. Illi l-incident in dizamina sehh fit-3 t'Ottubru, 2006, ghall-habta ta' l-10.15 a.m. fi Triq il-Grazzja, Haz- Zebbug, (ara foll 113);

"11.2. Illi l-incident sehh meta waqt li Joseph Borg kien qieghed jisboh tieqa fuq sellun ta' l-*aluminium* f'gholi ta' madwar sular u nofs u zewg sulari, ghadda Frangisku Pisani bil-vettura tieghu tal-marka *Toyota Starlet* numru EAA-751 u laqghat is-sellun, (ara foll 115);

"11.3. Illi kagun ta' dan l-incident Joseph Borg twaqqa` minn fejn kien fuq is-sellun u gie fuq il-bieba tal-vettura;

"11.4. Illi Frangisku Pisani sostna li meta kien qed isuq fit-triq fejn sehh l-incident hu kien diga ra s-sellun *de quo* minn hames (5) korozzi l-boghod, (ara foll 77);

"11.5. Illi Pisani sostna li meta ra s-sellun fit-triq kien ikkalkola li jghaddi izda minflok laqghat is-sellun bil-karozza, (ara foll 76);

"Ikkunsidrat:

"12.0. Illi t-triq fejn sehh l-incident giet deskritta sintetikament bil-mod segwenti:

"12.1. Illi din hi triq twila u dejqa, (ara foll 66), anzi dejqa hafna, (ara foll 9 u 66);

"12.2. Illi hi triq minghajr bankina, (ara foll 77);

"12.3. Illi fil-fatt karozzi pparkjati ma joqghodux, (ara foll 66);

"Ikkunsidrat:

"13.0. Illi rigward is-sinistrat Borg u x-xoghol minnu kondot dakinhar ta' l-incident jinghad sintetikament is-segwenti:

"13.1. Illi hu kien fuq sellun ta' madwar sular u nofs jew zewg sulari jizboh tieqa ta' residenza;

"13.2. Illi meta kien fuq is-sellun jirrizulta li:

"13.2.1. La kellu lbies protettiv, (ara foll 77 u 112 B);

"13.2.2. La kellu lbies fluwaroxxenti, (ara fol 77 u 112 B);

"13.2.3. La kien marbut b'mod protettiv li jipprevjeni li jaqa` mill-gholi li kien jinsab fih (ara foll 77 u 112 B);

"13.2.4. La kien hemm persuna ohra mat-triq izzommlu s-sellun minn taht;

"13.2.5. Lanqas kellu s-sellun preventivament assodat minn naha t'isfel biex ma jizloqx;

"13.2.6. Lanqas jirrizulta li s-sellun kellu xi kisi protettiv li jipprevenieh milli jizzerzaq mall-wicc tat-triq;

"13.2.7. Lanqas jirrizulta li pogga sinjal fit-triq biex javza minn distanza ghaqlija li kien hemm min kien involut f'xoghol li minnu nnifsu jirrizulta perikoluz;

"Ikkunsidrat:

"14.0. Illi rigward is-sewqan ta' Frangisku Pisani jinghad sintetikament is-segwenti:

"14.1. Illi hu kien ra s-sellun fit-triq minn distanza rigwardevoli, (ara foll 77);

"14.2. Illi waqt li kien qieghed isuq ikkalkola li kien ha jghaddi, tant hu hekk, li meta sar l-impatt l-ewwel relazzjoni tieghu kienet li dan sehh ghaliex izzerzaq is-sellun, (ara foll 76);

"14.3. Illi in effetti ma ingabet l-ebda prova li tikkonfuta din l-allegazzjoni;

"14.4. Illi f'dan ir-rigward jinghad li s-sellun in kwistjoni kien ta' l-*aluminium* irqiq (ara foll 77), twil hafna ta' l-ghamla teleskopika, u ma jirrizultax li kellu xi kisi protettiv fil- parti t'isfel tieghu li tmiss mat-triq biex ma jizloqx, (ara foll 66), u lanqas kien koadjuvat minn persuna fit-triq biex izzomlu s-sellun min-naha t'isfel;

"Ikkunsidrat:

"15.0. Illi rizultat ta' l-incident in dizamina l-imsemmi Joseph Borg sofra s-segwenti:

"15.1. Illi ma' l-impatt Borg waqa` mis-sellun fejn kien u gie fl- art, (ar foll 76);

"15.2. Illi sussegwentement hu immedjatament qam bil-wieqfa u qal lil Pisani darbtejn li ma kellu xejn, (ara foll 77);

"15.3. Illi sussegwentement gew il-pulizija u ttiehed l-isptar, (ara foll 77);

"15.4. Illi effettivament, rizultat ta' l-incident Borg kellu l-pelvi maqsum, li dan kien jivolvi l-*acetabulum* tal-lemin, (ara foll 6 u 139), u li rizultat ta' l-istess kien dikjarat li kien sofra debilita` permanenti t'ghoxrin fil-mija, (20%), (ara foll 6);

"15.5. Illi rizultat ta' l-istess inhasset il-htiega li jigi applikat irbit estern biex b'hekk seta` jibda il-process tal- mobilizzazzjoni tieghu, (ara foll 133);

"15.6. Illi fil-fatt, meta kien rilaxxat mill-isptar kien tnehhielu l-*frame* protettiv (ara foll 140), u kien jimxi bil-krozzi, (ara foll 135);

"15.7. Illi minhabba l-kondizzjoni mentali tieghu meta kien rilaxxat mill-isptar intbghat l-Isptar Monte Carmeli, (ara foll 140);

"15.8. Illi li kieku ma kienx ghall-problemi psikjatrici tieghu hu kien seta` jintbghat id-dar u fil-fatt l-espert mediku *ex parte* involut isostni:

> "... that on the 1st December there was no frame and no obstacle for him going on with normal life", (ara foll 141);

"15.9. Illi eventwalment miet suicida fit-8 ta' Mejju, 2007, (ara foll 5 u 122);

"Ikkunsidrat:

"16.0. Illi minn rapport ta' l-Agenzija Appoggipprezentat *in atti* fis-27 ta' Settembru, 2012, jirrizulta s-segwenti: (ara foll 167);

"16.1. Illi Borg kien qed jikkonsidra jaghmel hsara lilu nnifsu, u ghalhekk kien taht sorveljanza kontinwa, (ara foll 169);

"16.2. Illi kellu problemi relazzjonali gravi mall-mara tieghu tant, li m'accettatx li tiehu hsiebu aktar fid-dar konjugali, (ara foll 169);

"16.3. Illi minhabba c-cirkostanzi partikolari taghhom, iz-zewgt uliedu bniet ma setghux jiehdu hsieb missierhom, (ara foll 169);

"16.4. Illi in effetti mart Joseph Borg kienet gia` kecciet lil wahda min uliedha mid-dar, (ara foll 169);

""17.0. Illi tenut kont tas-suespost ir-rikorrenti illikwidaw id-danni minnhom pretizi fl-ammont komplessiv ta' hamsa u sittin elf, tmin mija u tmienja u tmenin Ewro u sittin centezmu, (€65,888.60), (ara foll 29);
"Ikkunsidrat:

"18. Illi tenut kont tas-suespost ghandu jirrizulta pacifiku li ma jezisti l-ebda ness, dirett jew indirett, bejn l-incident in dizamina li sehh fit-3 t'Ottubru, 2006, u l-mewt ta' l-istess protagonista li sehhet fit-8 ta' Mejju,

2007, li rizultat minn problemi psikjatrici serji li tfaccaw wara li kien spicca abbandunat mill-familja tieghu stess, fejn allura ma kellu mkien aktar fejn imur wara li kien rilaxxat mill-isptar, (ara foll 169 u 170);

"19. Illi ghalhekk qed jigi stabbilit li l-limitu tal-procedura odjerna hu cirkoskritt mill-incident in dizamina;

"Ikkunsidrat:

"20.0. Illi fir-rigward ta' l-incident *de quo* jinghad sintetikament is-segwenti:

"20.1. Illi meta Joseph Borg ghazel li f'triq verament dejqa bla bankina, jitla` fuq sellun twil ta`l-*aluminium* minghajr ilbies protettiv, minghajr sinjali indikattivi fit-triq fejn kien qed jahdem b'dan il-mod, minghajr ilquh protettiv fis- sellun, minghajr ghata protettiva fis-saqajn tas-sellun u minghajr ghajnuna ta' xa hadd izomm il-parti t'isfel tas-sellun, allura awtomatikament gibed ir-responabbilita` kollha ta' l-akkadut fuqu nnifsu;

"20.2. Illi *stante* li s-sewwieq ikkoncernat isosstni bil-gurament tieghu li kien ikkalkula sew li kien seta` jghaddi minghajr xkiel, u li effettivament kien hass li s-sellun kien izzerzaq ghal fuqu, u li fir-rigward, xejn ma ngib bi prova biex jikkontrasta tali versjoni ta' l-incident, din il- qorti, wara li ezaminat ic-cirkostanzi kollha involuti, hi sodisfatta li din hi versjoni proceduralment soda u legalment konvincenti;

"20.3. Illi *del resto*, il-probabilita` fil-kamp civili jekk tikkonvinci, hi bizzejjed biex tippermetti l-konvinciment ta' kif sehhew il-fatti in dizamina, u taghmel stat fil-konfront ta' l-atti ezaminati;

"Ikkunsidrat:

"21.0. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti mhux sodisfatta li r-rikorrenti pprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi…"

5. Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi Janet Borg et li permezz tieghu u ghar-ragunijiet minnhom moghtija talbu lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza moghtija, fit-3 ta' Novembru, 2015, fil-kawza fl-ismijiet premessi u in segwitu tilqa' t-talbiet taghhom, senjatament li tiddikjara li l-konvenut Frangisku Pisani kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fit-3 ta' Ottubru, 2006 u li kien il-kawza li wasslet

ghall-mewt ta' Joseph Borg; li tiddikjara lill-konvenut Frangisku Pisani responsabbli ghad-danni; li tillikwida l-istess danni u tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu l-ammont hekk likwidat bhala danni. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellati.

6. Rat ir-risposta tal-appell tas-socjetà GasanMamo Insurance Limited f'isimha proprju u ghan-nom ta' Frangisku Pisani, li miet fil-mori tal-kawza, u bhala l-assiguratrici tieghu, li permezz taghha ssottomettiet li l-appell tal-atturi huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u ghandu jigi michud minn din il-Qorti, filwaqt li s-sentenza appellata ghandha tigi kkonfermata. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

7. Semghet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in ezami;

8. Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

9. Illi l-kawza in ezami titratta azzjoni ta' danni mressqa mill-atturi kontra l-konvenuti fejn fost affarijiet ohra, jinghad minnhom li filwaqt li l-konvenut Frangisku Pisani kien qieghed isuq karozza, sehh incident li permezz tieghu, laqat sellum li fuqu kien hemm Joseph Borg, zewg l-attrici Jeanette Borg u missier iz-zewg l-atturi l-ohra. Jinghad li Joseph

Borg miet ftit xhur wara li safa mtajjar mill-vettura misjuqa minn Pisani u li l-incident sehh rizultat ta' traskuragni u/jew nuqqas tal-harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut Pisani. Ghalhekk intalbet dikjarazzjoni, likwidazzjoni ta' danni, kif ukoll kundanna ghall-hlas ta' danni hekk likwidati.

10. Il-konvenuti eccepew, in kwantu s-socjetà assikuratrici n-nuqqas ta' interess guridiku u li l-ittra ufficjali fil-konfront taghha, kienet tkun bizzejjed a tenur tal-ligi; li l-atturi jridu jgibu prova li huma l-eredi ta' Joseph Borg; fil-mertu li Joseph Borg ma mietx rizultat tal-incident izda nehha hajtu b'idejh, xhur wara l-incident; li kellu storja twila ta' mard mentali u li ma kienx hemm ness bejn l-incident tat-traffiku u l-mewt tal-istess Joseph Borg; li Frangisku Pisani ma kienx responsabbli ghall-incident stradali li sehh; u li jekk xejn ghandhom jithallsu biss dawk id-danni marbuta mal-griehi li garrab Joseph Borg b'rizultat tal-incident u li d-danni kellhom jigu ppruvati.

11. L-ewwel Qorti, filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet preliminari sollevati mis-socjeta` attrici, cahdet it-talbiet attrici u laqghet ir-risposti fil-mertu tal-konvenuti. Bl-ispejjez kontra l-atturi.

12. L-atturi hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza tal-ewwel Qorti in kwantu jsostnu li sar apprezzament zbaljat tal-fatti meta waslet ghall-konkluzjoni, li l-konvenut Frangisku Pisani ma kienx responsabbli ghall-incident tat-traffiku li fih indarab serjament Joseph Borg u li konsegwentement miet. Jishqu li l-ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra numru ta' fatti li hargu mix-xhieda. Huma jsostnu li konsidrat li l-atti kienu voluminuzi u li ntirtu mill-ewwel Qorti minghand Qorti ohra seta' kkontribwixxa ghall-fatt li fid-decizjoni taghha l-ewwel Qorti naqset milli taghmel referenza ghal numru ta' fatti li kieku gew ikkonsidrati, kienu jwasslu ghal konkluzjoni differenti minn dik raggunta permezz tas-sentenza appellata. Jinsistu li wiehed ma jistax jiskarta l-fatt li l-incident li b'rizultat tieghu safa midrub u eventwalment miet Joseph Borg, kien jahti ghalih il-konvenut Frangisku Pisani, li *a tempo vergine* kkonferma mal-Pulizija li laqat is-sellum li fuqu kien jinsab Joseph Borg bil-genb tal-karozza. Ghalkemm sussegwentement Pisani biddel il-verzjoni tieghu fis-sens li s-sellum mexa wahdu, l-appellanti jsostnu li din il-verzjoni qatt ma giet ippruvata.

13. L-appellanti jilmentaw mill-fatt li minkejja li ttiehdet ix-xhieda tal-konvenut Pisani fid-dar tieghu minhabba l-età avvanzata, permezz tal-Imhallef supplenti f'Mejju tas-sena 2010, snin wara u cioè f'Gunju tas-sena 2013, gie pprezentat affidavit li kien sar mill-istess konvenut Pisani datat l-1 ta' Dicembru, 2009. Dan meta l-istess Pisani gie nieqes fis-26

ta' Mejju, 2012. Huma jikkontendu li din il-verzjoni hija wahda rtokkata fejn jissemma li Pisani bil-kemm kien qieghed jiccaqlaq u li mill-kalkoli li ghamel, huwa qies li seta' jghaddi u s-sellum laqtu bilfors peress li dan kien iccaqlaq. B'hekk il-konvenut jipprova jdahhal incertezza dwar id-dinamika ta' kif sehh l-incident. Mentri fix-xhieda ta' Pisani moghtija sena wara jinghad li huwa ma laqatx is-sellum, izda dan mexa wahdu. L-appellanti jsostnu li ghandu jinzamm kont tal-fatt li l-gravità tal-konsegwenza ta' l-incident kien maghruf lil kulhadd, tant li Pisani stess iddikjara li kien jaf li konsegwenza tal-incident Joseph Borg kien nehha hajtu b'idejh minhabba d-dipressjoni li waqa' fiha wara li tilef il-mobilità fizika tieghu. Kwindi l-verzjonijiet li nghataw mill-konvenut Pisani snin wara, meta l-gravità tal-konsegwenzi tal-incident kienu maghrufa ghal kulhadd, m'humiex realistici u ma kellhomx jitqiesu bhala l-aqwa prova tal-fatti kif sehhew.

14. L-appellanti jaghmlu referenza ghax-xhieda tal-Ispettur James Grech, li kien l-ufficjal investigattiv dakinhar tal-incident li kkonferma li nizzel testwalment il-verzjoni li kien qallu Frangisku Pisani, kif ukoll ghax-xhieda ta' Philip Ciantar, xhud okkulari indipendenti li nzerta kien ghaddej minn dik it-triq u xehed li ra lil Joseph Borg jaqa' ghal fuq il-karozza. L-appellanti jaghmlu referenza ghall-gurisprudenza dwar l-evalwazzjoni tal-provi da parti tal-Qorti f'kaz ta' kunflitt bejn verzjonijiet differenti, li tiddeciedi fuq bilanc ta' probabiltajiet u l-verosimiljanza tal-provi u li fin-

nuqqas biss jigi applikat il-principju ta' *actore non probante reus absolvitur.* Isostnu li l-enfasi li saret mill-konvenuti dwar in-nuqqas ta' sinjali u ta' lbies protettiv ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-incident ladarba Pisani *ex admissis* kien ra s-sellum minn distanza twila qabel u xorta ddecieda li jghaddi.

15. Inoltre, l-appellanti jilmentaw li jidher li l-ewwel Qorti ma dahlitx fin-ness bejn l-incident u l-mewt ta' Joseph Borg. Dan meta l-incident kien il-bidu tat-tmiem ta' hajjet Joseph Borg, li minnu ma rkupra qatt la mil-lat psikologiku u lanqas minn dak mentali. Jishqu li ghalkemm Joseph Borg kien ghadu kemm irtira, hu kien ghadu attiv u sportiv hafna u kien biss b'rizultat tal-incident li wasal ghall-gharfien li qatt ma kien ser jirkupra, anzi spicca dipendenti fuq martu u wliedu ghal kollox. Fi kliem il-habib tieghu Richard Busuttil, minn ghasfur selvagg, Joseph Borg gie qisu maqful gewwa gabjetta zghira, ghaliex minn bniedem b'karattru ferriehi u jmidd idejh ghal kollox, hekk kif sar jaf li d-dizabilità tieghu kienet ta' natura permanenti, ra d-dipressjoni gejja fuqu f'temp ta' ftit gimghat, li wasslet ghal bidla kemm emozzjonali, hekk kif nghalaq fih innifsu, kif ukoll fizika, meta tilef hafna piz. Din il-bidla giet ikkonfermata kemm minn ulied Joseph Borg, kif ukoll mill-konsulent mediku Mr. Anthony Bernard, tant li kien irrakomanda li jissejjah psikjatra ghal dan il-pazjent minhabba d-dipressjoni qawwija li qabditu u kien tpogga ghal xi zmien taht supervizjoni fl-Isptar San Luqa minhabba tendenzi/hsibijiet suwicidjali u li

wassal li jigi rikoverat ukoll ghal xi zmien fl-Isptar Monte Carmeli. Ghalkemm il-konvenuti allegaw li Joseph Borg kien isofri minn storja twila ta' dipressjoni, l-atturi appellanti jishqu li din l-allegazzjoni ma ssib sostenn imkien fl-atti, anzi qabel id-dipressjoni li giet nnutata mill-konsulent ortopediku fl-Isptar San Luqa, ma kien hemm l-ebda tracca ta' dipressjoni u dan kif jixhdu l-istess qraba u hbieb ta' Joseph Borg.

16. Il-konvenuti appellati fir-risposta taghhom isostnu li, in kwantu l-appell tal-atturi appellanti jissejjes fuq l-apprezzament zbaljat tal-provi da parti tal-ewwel Qorti, gie ripetutament sostnut mill-Qrati taghna li, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, jekk dik il-Qorti tkun waslet ghal konkluzjoni li setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha u jaghmlu referenza ghal gurisprudenza f'dan ir-rigward. Kwindi jinghad mill-appellati li gialdarba l-ewwel Qorti kkonsidrat il-provi kollha migbura b'mod meqjus u kull konkluzjoni hija spjegata fil-fond u b'ragunament car, il-fatt li l-appellanti m'ghogbithomx il-konkluzjoni, ma jistax jinghad li l-ewwel Qorti helset minn dmirha b'mod hafif jew legger. Jehtieg li l-appellanti juru li l-ewwel Qorti tant kienet zbaljata fl-apprezzament taghha li waslet ghal konkluzjoni ngusta jew assurda, mentri l-appell jikkonsisti merament f'allegazzjoni nfondata li l-verzjoni tal-konvenut mhix wahda kredibbli.

17. L-appellati jishqu li, mill-provi jirrizulta li Borg rama s-sellum f'post perikoluz fi triq dejqa u li s-sellum kien wieqaf fil-parti karreggjabbli tat-triq. Dan minghajr taghmir protettiv jew xi sinjaletika bazika ta' prekawzjoni sabiex tigi salvagwardjata s-sahha tal-istess Joseph Borg. Inoltre, l-appellanti jizbaljaw ukoll meta jikkontendu li l-appellati huma responsabbli ghall-mewt ta' Joseph Borg u mhux semplicement ghall-korriment tieghu, mentri mill-provi jirrizulta li Borg nehha hajtu b'idejh kwazi seba' xhur mill-incident awtomobilistiku u ta' dan jahti huwa biss. Ghalkemm l-appellanti jikkontendu li r-raguni wara s-suwicidju ta' Borg kienet id-dipressjoni li qabditu in segwitu ghall-incident, l-appellati jsostnu li tressqu provi li l-kawza ta' dipressjoni ta' Borg kienet in-nuqqas ta' ghajnuna li kellu jiffaccja minn dawk li suppost kienu l-aktar qrib tieghu, b'mod partikolari martu. Kwindi l-appellati jikkontendu li ma hemm l-ebda bazi la fattwali u lanqas legali ghalfejn huma ghandhom jirrispondu ghall-mewt ta' Borg.

<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

18. Ghandu jinghad mal-ewwel li, in kwantu l-appell jissejjes fuq l-apprezzament zbaljat maghmul mill-ewwel Qorti, kif inghad minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-14 ta' Dicembru, 2018, fil-kawza fl-ismijiet **Dr. Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim'Ministru et**:

> "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti.*"

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jehtieg li din il-Qorti tifli mill-gdid il-provi ritenuti relevanti in atti, fil-qafas tal-kriterji legali applikabbli.

<u>Responsabbiltà ghall-incident</u>

19. Din il-Qorti taqbel mal-atturi appellanti meta jinghad minnhom li f'materja ta' incidenti huma mill-aktar relevanti l-istqarrijiet moghtija mill-partijiet *a tempo vergine.* Ir-raguni l-ghala l-Qrati taghna dejjem taw piz ghad-dikjarazzjonijiet li jsiru *a tempo vergine* huwa proprju sabiex f'kaz ta' verzjonijiet kunfliggenti, il-Qrati jisiltu mill-verzjoni tal-partijet, dawk il-provi li jidhru l-aktar verosimili fic-cirkostanzi tal-kaz. Inoltre, l-importanza tal-istqarrija moghtija ezatt wara l-incident qieghda fil-fatt li tinghata spontanjament u minghajr ma l-partijiet ikollhom ic-cans jahsbu jew jintebhu b'certi fatti jew jitkellmu ma` terzi u kwindi jvarjaw il-verzjoni. Fil-kaz in ezami, il-konvenut Pisani, sewwieq tal-vettura bin-

numru ta' registrazzjoni EAA-751, *a tempo vergine* stqarr mal-Pulizija li nvestigaw il-kaz, is-segwenti:

> *"Kont gej min-naha tal-pjazza, hu kien il-barra hafna anqas sinjali ma kellu, ppruvajt nghaddi u* ***lqatt is-sellum bil-genb tal-karozza****."*

Issa fl-affidavit tal-konvenut Pisani jinghad hekk:

> *"Minn fejn kont ghaddej jien it-Triq hija dejqa u tiehu wisa' ta' karozza li tghaddi u forsi xi hadd bil-mixi fuq naha u ohra. It-Triq minn fejn kont ghaddej jien ma fihiex bankini f'dik il-parti.*
>
> *"****F'hin u l-waqt fuq il-lemin tat-triq jiena ndunajt li kien hemm sellum*** *irqieq tal-aluminium jistrieh mal-bini fuq il-lemin. Is-sellum kellu gholi ta' zewg sulari antiki. Il-persuna ta' Joseph Borg jiena ma rajtha fl-ebda hin u bhala wardens, cones, warniings u lanqas bcejjec marbuta mas-sellum ma kien hemm xejn. Jiena dak il-hin kont ghaddej bil-mod hafna kwazi kwazi kemm niccaqlaq, iccekkjajt u kkalkolajt li stajt nghaddi. X'hin wasalt mas-sellum u gejt biex nghaddi,* ***jien ghalija iccaqlaqlu s-sellum u b'hekk ilqattu****. Immedjatament jiena waqaft, is-sur Borg waqa' minn fuq is-sellum u nizel fuq il-bieba ta' wara tal-lemin, filwaqt li s-sellum waqa' ghat-tul it-triq…"*

Filwaqt li l-konvenut fix-xhieda tieghu tas-17 ta' Mejju, 2010, quddiem l-assistent gudizzjarju xehed hekk:

> *"****Nghid li minn tul ta' 5 karozzi jiena kont diga rajt is-sellum****. Is-sellum kien fit-triq minn fejn kont ser nghaddi jien. Nghid li s-sellum kien wieqaf jappoggja ma tieqa fil-gholi. Nghid li kien gholi xi zewg sulari antiki dan is-sellum.* ***Nghid li jien harist iz-zewg nahat u kkalkulajt li nghaddi… Nghid kif gejt biex nghaddi imxileu s-sellum u waqa'. Qed nghid imxielu ghax jiena kont ikkalkulajt li nghaddi****. Qed issirli referenza ghal road accident report esebit fil-process bhala Dok. JB3 u huwa dak li hemm imnizzel hemm hekk…hemm imnizzel li fil-fatt jiena lqatt is-sellum bil-genb tal-karozza* ***nghid li lqatt is-sellum ghax imxielu s-sellum****. Nghid li l-laqta tas-sellum mal-karozza tieghi kienet fuq in-naha ta' quddiem fi-tarf fuq in-naha tad-driver. Bil-ponta ta' quddiem."*
>
> (f'kull kaz enfasi ta' din il-Qorti)

20. Huwa minnu li kif isostnu l-atturi appellanti, li aktar ma ghadda z-zmien, aktar il-verzjoni tal-konvenut Pisani nbidlet u giet addattata. Tabilhaqq din il-Qorti tara aktar verosimili l-ewwel verzjoni moghtija mis-sewwieq, in kwantu mhux talli fil-gurnata li sehh l-incident hadd ma rrileva li kien hemm it-triq imxarrba li setghet twassal ghal xi zlieq, talli mid-dinamika kif l-istess konvenut Pisani jiddeskrivi l-waqgha tas-sellum li nizel la genba mal-vettura, hija aktar konsonanti mal-verzjoni li s-sellum ntlaqat mill-karozza milli zelaq. Din il-Qorti tqis inverosimili li s-sellum zelaq wahdu proprju meta kienet ghaddejja l-vettura tal-konvenut Pisani. Meqjusa relevanti wkoll huma d-danni fil-vettura hekk kif rapportati fl-istess Road Accident Report (Dok. JB3 a fol. 7 tal-process) bhala: "*Dent on Bonnet, Front right Mudguard and Rear right Door.*" Dan fil-fatt jinsab korroborat mir-ritratti esebiti mis-*Surveyor* tas-socjetà assikuratrici (a fol. 88 sa 919 tal-process). Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn id-danni huma aktar kompatibbli mal-ewwel verzjoni tal-konvenut Pisani li laqat is-sellum, milli li s-sellum zelaq wahdu.

21. Trattati l-provi relevanti, issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Frar 1962 fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppa Debono v. Philip Camilleri et** (Kollez. Vol. XLVI.I.112), fejn din il-Qorti rriteniet li sewwieq ghandu zewg dmirijiet ewlenin li huwa fl-obbligu li josserva kull hin: (1) li jirregola s-sewqan tieghu skont il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-

vettura, l-istat tal-art u cirkostanzi ohra kontingenti; u (2) li jzomm dik li komunement tissejjah ”*a reasonably careful look-out*” liema dmir igib mieghu wkoll dak li d-driver jara dak li jkun ragonevolment vizibbli. Riferibbilment ghal dan it-tieni obbligu, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Laferla u Il-Pulizija v. Vella** inghad li “*the duty to look implies the duty to see what is in plain view”.*

Issir referenza hawnhekk ghal kuncett ta’ *proper look out* kif elaborat ahjar fis-sentenza tal-Qrati Inglizi **Newhaus ND v. Bastion Insurance Co. Ltd (1968)** fejn gie ritenut li:

> “***Keeping a proper look out, means more than looking straight ahead, it includes awareness of what is happening in one’s immediate vicinity**. **A motorist shall have a view of the whole road from side to side** and in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well*.” (enfasi ta’ din il-Qorti).

22. Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, il-konvenut Pisani bhala sewwieq li kien ben konxju tat-triq dejqa li kien ghaddej minnha, kif ukoll il-fatt li kien hemm sellum sporgut ghal gewwa t-triq, kellu jirregola s-sewqan tieghu skont dik is-sitwazzjoni. Ghalkemm ma jirrizultax li Pisani kien ghaddej b’velocità, huwa kellu l-obbligu li jassikura li ladarba kien hemm is-sellum sporgut fil-karreggjata tat-triq li minnha nnifisha hija dejqa, huwa seta’ jipprocedi minghajr biza’ li kien ser jikkawza incident bil-fatt li jipprocedi fl-imsemmija triq. Dan l-obbligu huwa korollari ghall-principju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn *bonus pater familias* u li hija ragjonevoli, tenut

kont tac-cirkostanzi: f'dan il-kaz is-sellum sporgut fit-triq dejqa kien jehtieg grad oghla ta' attenzjoni mis-sewwieq. F'kaz ta' dubju, is-sewwieq kellu jieqaf sabiex jaccerta ruhu li seta' jghaddi minghajr ma jikkawza konsegwenzi negattivi u mhux jittanta jghaddi bil-konsegwenzi kollha li dik l-ghazla gabet maghha.

23. Min-naha l-ohra, meta l-Pulizija kellmu lil Joseph Borg, mir-rapport tal-incident jirrizulta li huwa ma kien jiftakar xejn. Lanqas ix-xhieda tax-xhud Philip Ciantar ma tista' titqies daqstant relevanti, in kwantu ma taghti ebda dawl fuq id-dinamika ta' kif effettivament sehh l-incident, ladarba huwa jghid li sema' hoss u meta dar ra lil Joseph Borg jaqa'. Izda hija relevanti x-xhieda ta' Ciantar sa fejn jinghad minnu li, apparti jikkonferma li t-triq hija dejqa, u li s-sellum kien vizibbli peress li fejn sehh l-incident it-triq hija dritta, madankollu, ma kien hemm ebda sinjali li jindikaw li kien hemm sellum. Dan jinsab ukoll ikkonfermat mir-rapport tal-Pulizija fejn fl-ahhar jinghad "*Apparently he had no signs showing works in progress. It is to be pointed out that the street is very narrow*."

24. Dan qieghed jigi sottolinjat peress li huwa ritenut li l-agir ta' Joseph Borg kien kontributorju ghall-incident li sehh. Huwa ritenut li ladarba t-triq kienet tant dejqa, kien ikun aktar xieraq li jittiehdu diversi prekawzjonijiet, fosthom seta' jingieb il-permess tal-Kunsill Lokali sabiex tinghalaq it-triq b'mod temporanju u/jew li jkun hemm *warden* minhabba t-traffiku (ara

xhieda tas-segretarju ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Haz-Zebbug Christopher Formosa, li kkonferma li ma kien hemm l-ebda permess sabiex tinghalaq it-triq dakinhar tal-incident). Setghet tintuza sinjaletika bhala avviz ghas-sewwieqa sabiex jiehdu l-prekawzjoni mehtiega, hekk kif javvicinaw is-sellum, seta' talab li xi hadd, inkluz min inkarigah bix-xoghol li jzomm is-sellum minn isfel sabiex ikun jista' jaghti l-ghajnuna mehtiega. Seta' fuq kollox jintuza taghmir protettiv bhalma hija *harness*, sabiex jipprevjeni milli jaqa' minn fuq is-sellum, konsidrat l-gholi li Joseph Borg kien qieghed jahdem fih. Ghaldaqstant ghandu japplika wkoll il-principju ta' *volenti non fit injuria.* Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tas-7 ta' Dicembru, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Carmel Polidano et v. Korporazzjoni Enemalta et:**

> **"***Meta tmur tfittex il-perikolu ma tistax twaħħal f'ħaddieħor jekk iġġarrab xi ħsara;"*

25. Isegwi li f'dan is-sens Joseph Borg ghandu jitqies ukoll responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-atturi appellanti li ladarba l-konvenut Pisani ra s-sellum, in-nuqqas ta' sinjali u lbies protettiv ma jibqghux relevanti. Kif inghad minn din il-Qorti, fis-sentenza taghha tal-15 ta' April, 2002, fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Micallef St. John v. Richard Spiteri et:**

> "*Reference is still sometimes made to the supposed principle that the party whose negligence was last in point of time and could therefore last have avoided the accident, was liable. The law Revision Committee said "in truth there is no such rule as what has been somewhat ineptly called the "last opportunity rule". The question is not who had the last*

> *opportunity for avoiding the mischief but whose act caused the wrong? It is not possible to define what will be regarded as the cause of an accident. It is rather left for the individual decision of the Tribunal to determine what in their view was in a real sense the cause*." (Bingham's Motor Claims Cases - 5th Edition - page 13 et seq).

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, fil-fehma ta' din il-Qorti l-kawza prossima tal-incident kienet kemm l-agir negligenti tal-istess Joseph Borg li ma hax il-prekawzjonijiet mehtiega li ma jpoggix lilu nnifsu f'perikolu bla bzonn, kif ukoll in-nuqqas tal-konvenut Frangisku Pisani li jipprocedi bil-kawtela mehtiega, konsidrati c-cirkostanzi tat-triq li kien ghaddej minnha. Ghalhekk ir-responsabbbiltà ghall-incident ghandha tintrefa' nofsha minn Joseph Borg u nofsha mill-konvenut Frangisku Pisani. Isegwi li l-appellanti ghandhom ragun fl-ilment taghhom u l-appell taghhom ghandu jigi milqugh parzjalment.

<u>Likwidazzjoni ta' Danni</u>

26. Konsidrat li l-atturi appellanti talbu lil din il-Qorti tghaddi ghal-likwidazzjoni ta' danni. Permezz tal-Artikolu 1045 il-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jinsab provdut illi:

> "(1) *Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-egħmil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-egħmil seta' jġib.*

> *"(2) Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal din l-inkapaċità tiġi stabbilita mill-qorti, wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapaċità ikkaġunata, u kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.*"

27. Jibda billi jigi osservat li, ma jidherx li l-atturi ressqu xi talba jew prova relattiva ghal danni effettivi ta' natura *damnum emergens*, izda jressqu biss prospett relattiv ghal *lucrum cessans.* (Ara Dok. JB7 a fol. 29 tal-process). A bazi tal-ligi taghna l-kwantifikazzjoni tad-danni tibqa' fid-diskrezzjoni tal-gudikant, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u ghalkemm jezistu certu principji, dawn m'humiex assoluti. Fil-kawza fl-ismijiet **Paul Debono v. Malta Drydocks** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' April, 2005, inghad:

> *"Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-rizarciment hi certament fis-sistema legali taghna spirata mir-regola stabbilita fl-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi t-telf ta' qliegh futur minhabba l-inkapacita`. Il-ligi mbaghad thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati c-cirkustanzi tal-kaz, ix-xorta u grad ta' l-inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti danneggjata, tistabbilixxi s-somma rizarcitorja. Innegabilment, pero`, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill-persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuza, kif hekk jirrizulta minn semplici raffront tad-diversi decizjonijiet in materja."*

<u>*Rata ta' dizabilità*</u>

28. Fil-kaz in ezami, l-akbar punt ta' divergenza huwa dak dwar ir-rata ta' dizabilità. Dan peress li filwaqt li l-atturi appellanti jikkontendu li l-incident wassal ghall-mewt ta' Joseph Borg, in kwantu l-incident kellu effett drastiku fuq l-istat mentali tieghu li wassal li jnehhi hajtu b'idejh meta gie konxju tal-fatt li kien ser ikollu dizabilità permanenti bil-limitazzjonijiet

kollha li ggib maghha tul il-bqija ta' hajtu. Il-konvenuti jikkontestaw li huma responsabbli ghall-mewt ta' Joseph Borg u jsostnu li fl-aghar ipotezi huma responsabbli biss ghall-korriment tieghu. Wara li din il-Qorti hasbet fit-tul fuq dan il-punt, tqis li taqbel aktar mal-verzjoni tal-konvenuti appellati. Dan jinghad peress li, filwaqt li l-atturi ressqu rapport mediku ta' konsulent u kirurgu ortopediku (Dok. JB2 fol. 5) li jistabilixxi ness bejn l-incident u d-dizabilità rizultanti mill-ksur li garrab Joseph Borg fil-percentwal ta' 20%, mhux l-istess jista' jinghad dwar l-istat mentali tieghu. Ghalkemm indubbjament l-incident kellu impatt kbir fuq Joseph Borg, tant li waqt li kien rikoverat l-Isptar saret referenza lil espert psikjatra u wara li hareg mill-Isptar San Luqa mar ghal ftit zmien fl-Isptar Monte Carmeli u dan fuq bazi volontarja, ma sar ebda rapport mediku li jistabilixxi n-ness bejn l-incident u l-att li wettaq l-istess Borg meta nehha hajtu b'idejh. Ghalkemm Dottor Bernard fir-rapport tieghu jsemmi l-problemi psikjatrici ta' Joseph Borg, meta xehed fis-seduta tat-28 ta' Marzu, 2012, qal li ma jeskludix li dak irrapportat minnu kien inghad lilu mill-familjari, u li fir-rigward tal-problemi ta' mard mentali kien il-psikjatra Dr. Apap li kien kompetenti li jixhed.

29. Huwa minnu li min-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti jinghad li dan il-psikjatra ma tressaqx bhala xhud peress li huwa wkoll kien miet fil-mori tal-kawza, madankollu certament setghu jittellghu rapprezentanti ohra tal-Isptar Monte Carmeli sabiex jixhdu dwar dan l-aspett tal-kaz.

Izda fl-ahhar mill-ahhar, kien jispetta lill-atturi appellanti li jressqu prova konvincenti li l-mewt ta' Joseph Borg kienet marbuta sewwa sew bhala konsegwenza diretta tal-incident. Huwa veru li xehdu t-tfal ta' Joseph Borg, atturi f'din il-kawza u l-habib Richard Busuttil dwar kif inbidel il-karattru ta' Joseph Borg. Madankollu din il-Qorti ma tistax tinjora r-rapport ipprezentat mill-Agenzija Appogg (Dok. CB1 a fol. 169) fejn jirrizulta li Joseph Borg kellu problemi ohra ta' natura familjari f'hajtu:

> "*Mr. Borg stated to the social worker that:*
>
> - *"He is not able to cope at home, due to his dependency level.*
> - *"Although he lives with his wife, they have serious relationship problems between them and she is not willing to provide him with the required care….*
>
> *"Meeting was held with Mr. Borg's wife who informed social worker that:*
>
> - *"She is unwilling to help her husband.*
> - *"She is not going to accept her husband in the present state back home.*
> - *"He needs to go somewhere where he is supported.*
>
> *"Psychiatrist requested presence of his wife but she refused to attend. Mr. Borg gave his consent to the Psychiatrist to admit him to Mount Carmel Hospital. Social worker tried to contact wife, to no avail. Social worker contacted one of the daughters."*

Relevanti f'dan il-kuntest ukoll hija x-xhieda ta' Lara Debattista tal-4 ta' Marzu, 2013, li kienet rredigiet l-imsemmi rapport u tkompli tispjega f'aktar dettal id-dizgwid familjari. Isegwi li fin-nuqqas ta' rapport mediku fir-rigward, din il-Qorti ma tistax tghid b'serenità li kien l-incident in kwistjoni l-uniku kagun ghall-istat mentali fragili ta' Joseph Borg u fin-

nuqqas ta' prova konklussiva, taghzel li tqis biss il-percentwal ta' dizabilità ta' 20 % ghall-fini tal-komputazzjoni tad-danni.

*Multiplier*

30. Fir-rigward tal-*multiplier* hawnhekk ukoll wiehed irid jghid illi normalment f'kazijiet bhal dawn, il-*multiplier* ma jsirx semplici tnaqqis bejn l-età ta' irtirar, u l-età tal-persuna fil-mument ta' l-incident, izda l-*multiplier* irid jinkorpora go fih dak l-element ta' *chances and changes of life or vicissitudes of life*. Fil-fatt din giet definita hekk:

> *"In other words the multiplier is set at a figure which takes into account both the fact that a capital sum capable of investment is more valuable than an equivalent aggregate income over a period of time and the chance that the plaintiff might anyway not have earned that income."* (The Law of Tort - W.V.H. Rogers, 1994, 2nd Ed. P.228)

Hawnhekk issir referenza ghall-gurisprudenza estensiva ta' din il-Qorti fir-rigward ta' komputazzjonijiet maghmula wara incidenti li jinvolvu dizabilita` permanenti. Il-principji stabbiliti fir-rigward tal-*multiplier* fil-kawza ewlenija **Michael Butler v. Peter Christopher Heard** deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Dicembru 1967, li tat origini ghall-hekk imsejha *multiplier system,* gew aggustati ghaz-zminijiet aktar ricenti. (Ara per ezempju **Salvatore Mifsud v. Carlo Camilleri et** deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Novembru,1983, u **Emanuel Mizzi v. Carmel Attard** deciza fit-13 ta' Mejju, 2003, ikkonfermata minn din il-Qorti fit-28 ta' April, 2006).

Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier*, fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20).

31. Fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet **Joseph Galea et v. Charles Fenech pro et noe et**, fejn fil-kaz ta' 74 sena li kien, involut f'incident stradali u sofra dizabilita` ta' 5%, dik il-Qorti adottat *multiplier* ta' 8 snin. Fis-sentenza recenti ta' din il-Qorti **Charles Azzopardi v. P.S. 201 Sandro Magro et,** deciza fl-24 ta' Gunju, 2016, inghad ukoll illi:

> "*F'dan il-kaz ukoll ikun xieraq, illi konsidrat l-eta` tal-attur fil-mument tal-incident, ghandu jittiehed kont tal-incertezza ta' chances and changes of life u ghalkemm huwa kellu aspettativa ta' hajja lavorattiva ta' 30 sena, wiehed ghandu jqies l-incertezza li toffri l-hajja fir-rigward.* ***Il-multiplier mhux massima ta' mizura ta' kalkolu awtomatiku u rigidu imma ghandu jippermetti temperament anke jekk marginali, fil-kaz fejn l-aspettativa hija fit-tul u l-incertezza ferm akbar. Il-multiplier ghandu jigi applikat sabiex ikun stabbilit bilanc bejn id-dritt tal-parti leza u l-obbligu tal-obbligat. Mhux il-kaz li wiehed jadoperah bhal li kieku hemm xi certezza dwar ghexieren ta' snin futuri, ghax dan huwa kamp fejn ghandha tregi l-moderazzjoni.*"** (enfasi ta' din il-Qorti).

Meta tqis pero` li l-vittma miet sena wara l-incident, dawn il-principji ma tantx ghandhom applikazzjoni ghall-dan il-kaz, ghax ma nistghux aktar nitkellmu fuq "*aspettativa*" tal-hajja, u l-*multiplier,* ghalhekk, ghandu jkun biss ta' wiehed.

<u>*Dhul*</u>

32. Konsidrat li t-talbiet attrici huma bbazati fuq differenza fil-pensjoni ta' €2,784.86 fis-sena u dhul minn xoghol *part-time* ta' €3,804 fis-sena li huwa bbazat fuq medja ta' dhul li Joseph Borg kien ghamel fix-xhur qabel l-incident, b'total ta' €6,588.86, tqis li dan l-ammont huwa wiehed ragonevoli.

*<u>Tnaqqis bhala lump sum payment</u>*

33. Fir-rigward tat-tnaqqis bhala *lump sum payment,* skont kriterju li gie mistharreg mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Agius v. All Services Ltd**. deciza fit-2 ta' Gunju, 2005:

> "*f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ("lump sum payment") lill-beneficcjarji. Jekk id-decisjoni, pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-percentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza iddum aktar minn sentejn, il-percentagg jonqos b'zewg punti ghall-kull sena ohra li l-kawza iddum biex tigi decisa.*"

Huwa ritenut ukoll li dan it-tnaqqis ghandu jibda jigi kkalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza u mhux minn meta sehh l-incident. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Frar, 2004, fil-kawza fl-ismijiet **Annunziata sive Nancy Caruana v. Odette Camilleri**). Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, meqjus il-fatt li l-kawza giet intavolata fis-sena 2009, kif ukoll, li ser tinghata sentenza finali f'dan il-kaz wara kwazi tnax-il sena, ma tqisx opportun li jigi adoperat percentwal ta' tnaqqis.

34. Ghalhekk il-Qorti qieghda tillikwida l-ammont dovut lill-atturi bhala *lucrum cessans* kif gej: 20%x1x€6,588.86= €1,317.77 – 50%= €658.88.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-atturi billi tilqghu *in parte* sabiex tirrevoka u thassar is-sentenza appellata, billi filwaqt li tiddikjara lill-konvenut Frangisku Pisani in parti responsabbli ghall-incident li sehh fit-3 ta' Ottubru, 2006, tillikwida d-danni bhala *lucrum cessans* li ghandhom jithallsu lill-atturi bhala eredi ta' Joseph Borg, huwa fl-ammont ta' sitt mija u tmienja u hamsin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€658.88). B'dan illi l-imghax ghandu jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi jinqasmu bin-nofs ($^1/_2$) bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
rm